ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

StudentBounty.com

Rott

## IT-TIELET SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (Ġenerali) IL-ĦIN: Siegħa u nofs

**L-Isem:** ______________________ **Il-Klassi:** ______________

**Din il-karta tal-eżami fiha Sitt Taqsimiet (A, B, C, D, E u F). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi. Ikteb it-tweġiba tat-Taqsima F fuq karta separata.**

**Taqsima A: Imla l-vojt b'dan il-kliem:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| il-pluraliżmu | il-ħin liberu | is-soċjalizzazzjoni | diskriminata | ċittadin |
| l-ETC | ir-rwol | l-imħabba | folklor | bżonnijiet |

1. Permezz tal-mass media, ______________ sar parti minn ħajjitna u għalhekk dan ifisser li naċċettaw li kull persuna għandha opinjoni differenti.
2. ______________ nużawh għal attivitajiet li mhumiex obbligatorji u li nieħdu gost nagħmlu.
3. ______________ huwa s-sehem li l-individwu għandu jagħti fil-grupp li jkun fih u fis-soċjetà.
4. Dawk li qegħdin ifittxu xogħol għandhom imorru ______________ sabiex isibu l-għajnuna li għandhom bżonn.
5. ______________ jirreferi għad-drawwiet u t-twemmin f'kultura partikolari ta' poplu.
6. ______________ hija l-proċess ta' tagħlim u ta' edukazzjoni fir-regoli ta' mġiba fis-soċjetà.
7. ______________ hija waħda mill-valuri personali tal-bniedem.
8. ______________ huwa/hija membru ta' xi pajjiż bi drittijiet u dmirijiet lejn l-oħrajn.
9. Nies bi ______________ speċjali jeħtieġu aktar għajnuna u attenzjoni mis-soċjetà minħabba xi diffikultajiet f'ħajjithom.
10. Meta persuna tiġi ttrattata agħar minn ħaddieħor mingħajr raġuni valida tkun qed tiġi ______________.

**10 marki**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima B: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi timmarka l-frażi t-tajba:**

1. Kura preventiva tirreferi għal
   a. dawk is-servizz mediċi f’każijiet ta’ emerġenza u servizzi oħra sabiex il-pazjent ma jk[illegible] għalfejn imur l-isptar
   b. dawk is-servizzi mediċi li jgħinuk tevita l-mard
   c. dawk is-servizzi mediċi li jgħinuk tfiq minn xi mard

2. L-anzjani jibqgħu aktar b’saħħithom jekk
   a. jibqgħu attivi fis-soċjetà
   b. imorru fid-djar tal-anzjani
   c. jirċievu l-mediċini b’xejn

3. Is-settur primarju jinkludi xogħol
   a. fil-kostruzzjoni, il-manifattura tal-għamara u tal-ħwejjeġ
   b. fit-turiżmu, is-saħħa u l-edukazzjoni
   c. fil-barrieri, is-sajd u l-biedja

4. L-aktar mezz ta’ komunikazzjoni soċjali interattiv huwa
   a. in-netwerking soċjali
   b. il-gazzetta
   c. it-televiżjoni

5. L-ekonomija
   a. tirreferi għall-flus li jimxu minn id għal oħra bħala kumpens finanzjarju tal-ħidma
   b. hija dik il-qasam tal-ħajja soċjali li torganizza l-ħolqien u t-tqassim tal-ġid
   c. hija l-mod għaqli kif il-persuna tqassam il-ġid li għandha

6. Meta nħarsu lejn is-saħħa jeħtieġ li nħarsu lejha b’mod sħiħ. Din nirreferu għaliha bħala
   a. saħħa ħolistika
   b. saħħa fiżika
   c. saħħa mentali

7. Waħda mill-aġenziji tal-Ġnus Magħquda li taħdem favur il-drittijiet tal-ħaddiema madwar id-dinja hija
   a. UNHCR
   b. UNICEF
   c. ILO

8. Il-valuri ċiviċi huma
   a. vizzji aċċettabli mis-soċjetà
   b. regoli ta’ mġiba
   c. prinċipji importanti biex ngħixu f’soċjetà ma’ nies oħra

9. Il-komunità lokali tirreferi
   a. għal xi għaqda jew organizzazzjoni popolari li teżisti fir-raħal fejn ngħix
   b. għan-nies li jgħixu f’belt jew raħal
   c. għal meta nibdew nitħalltu ma’ nies oħrajn barra mill-familja

10. Li tkun ċittadin Malti llum ifisser li tkun
    a. ċittadin Malti biss
    b. ċittadin Malti u Ewropew
    c. ċittadin Malti, Ewropew u globali

**10 marki**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima C: Immarka jekk hux VERU jew FALZ u għid għaliex:**

1. Il-mass midja qiegħda tgħin biex iseħħ il-proċess ta' globalizzazzjoni. VERU

   **Għaliex?** ______________________________

2. Kull dritt iġib miegħu dmir. VERU/FALZ

   **Għaliex?** ______________________________

3. Il-programm nazzjonali tal-*breast screening* qed jiġi offrut mill-Gvern biex jiġi evitat il-kanċer tas-sider fin-nisa. VERU/FALZ

   **Għaliex?** ______________________________

4. Libertà u libertinaġġ għandhom l-istess tifsira. VERU/FALZ

   **Għaliex?** ______________________________

5. In-normi soċjali huma l-istess fil-pajjiżi kollha tad-dinja. VERU/FALZ

   **Għaliex?** ______________________________

**10 marki**

**Taqsima D: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. Taħseb li l-pajjiżi kollha tad-dinja jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem?

   ______________________________
   ______________________________
   ______________________________
   ______________________________

2. X'nifhmu b'etika fuq il-post tax-xogħol min-naħa tal-ħaddiem?

   ______________________________
   ______________________________
   ______________________________
   ______________________________

3. Ikteb **ERBA'** azzjonijiet pożittivi li inti u l-familja tiegħek tistgħu tipprattikaw sabiex ilkoll kemm intom tkunu ċittadini responsabbli.

   ______________________________
   ______________________________
   ______________________________
   ______________________________

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. X'differenza tgħaddi bejn **xogħol bi ħlas** u **xogħol volontarju**?

5. Semmi **ŻEWĠ** funzjonijiet li għandhom il-mezzi ta' komunikazzjoni fis-soċjetà.

**20 marka**

**Taqsima E: Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha:**

"L-informazzjoni waħedha ma tfisser xejn u għalhekk il-konsumatur irid ikollu d-dritt li jiġi edukat biżżejjed biex ikun jista' jifhem u jagħraf il-vantaġġi u l-iżvantaġġi minn kull tranżazzjoni ta' bejgħ u xiri. Fuq kollox aktar ma jgħaddi ż-żmien u aktar ma **jinfetaħ is-suq**, aktar il-konsumatur ser ikun iffaċċjat bi prodotti kważi bħal xulxin. F'sitwazzjoni bħal din il-konsumatur irid ikun edukat biżżejjed biex jagħmel l-aħjar għażla għalih/a.

L-edukazzjoni hi l-bażi biex il-konsumaturi jkunu jafu d-drittijiet tagħhom. Aktar ma jkun hemm tibdil fil-liġijiet aktar ikun hemm ħtieġa. Hu importanti wkoll li l-konsumaturi jkunu jafu x'ikun għaddej fis-suq, il-prattiċi li qed jintużaw u kif għandhom jieħdu ħsieb tagħhom infushom. Ta' min jgħid li aktar ma tidħol is-sistema tas-suq, anqas ser ikun hemm protezzjoni min-naħa tal-gvern. F'sistema bħal din, l-edukazzjoni hi essenzjali.

Iżda l-aktar sehem li għandha l-edukazzjoni hi li ġġib bidla fil-kultura tagħna. Minn naħa għad għandek nies li jaħsbu li jistgħu jsiru sinjuri mil-lejl għan-nhar. Ħafna drabi dan ikun ta' detriment sew għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozju. Min-naħa l-oħra, għadek issib konsumaturi li mhux lesti li jaqbżu għad-drittijiet tagħhom. Lanqas huma lesti biex jingħaqdu mal-Għaqda tal-Konsumaturi sabiex ikomplu jħarsu l-interessi tal-konsumaturi lokali."

**Adattat minn: http://www.camalta.org/drittijiet-edukazzjoni**

1. Għaliex taħseb li l-edukazzjoni tal-konsumaturi hija importanti?

(2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. Semmi **TLIET** tipi ta' informazzjoni li l-konsumaturi jistgħu jsibu fuq il-pakkett ta

______________________________

______________________________

______________________________ (3)

3. Apparti d-drittijiet għall-informazzjoni u l-edukazzjoni, semmi **TLIET** drittijiet oħra li għandhom il-konsumaturi.

______________________________

______________________________

______________________________ (3)

4. Semmi **TLIET** dmirijiet li l-konsumatur għandu josserva.

______________________________

______________________________

______________________________ (3)

5. Ir-reklamar kif jaffettwa lill-konsumaturi sabiex jixtru prodott jew servizz?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (4)

6. X'tifhem biha l-frażi **jinfetaħ is-suq**?

______________________________

______________________________ (2)

7. Ikteb dwar ir-rwol li għandha l-Għaqda tal-Konsumaturi.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (4)

8. Taħseb li jeżisti żbilanċ bejn kemm id-dinja qed tipproduċi u kemm il-bniedem għandu bżonn?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (4)

**25 marka**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima F: Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi li ġejjin u ikteb madwar 200 kel**
**fuq karta separata:**

1. Soċjetà b'saħħitha tiddependi minn ċittadini b'saħħithom. Iddiskuti.

2. L-identità nazzjonali hi dik li tagħmilna Maltin. Ikkummenta.

3. Għaliex taħseb li x-xogħol huwa importanti fil-ħajja tal-lum?

4. Taħseb li l-mass media qed tkompli żżid il-permessività fis-soċjetà?

**25 marka**

**Total: 100 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers